L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

ADVANCED MATRICULATION LEVEL
2025 SECOND SESSION

SUBJECT:	**Religious Knowledge**
PAPER NUMBER:	I
DATE:	29th August 2025
TIME:	9:00 a.m. to 12:05 p.m.

THE SCRIPTURE AND THE CREED

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

SECTION A: THE CHRISTIAN BIBLE

1. Inspired by the Holy Spirit, the Old and New Testaments were composed over centuries, comprising various sections and literary genres. Furthermore, through discernment, the biblical canon was established. Discuss.

2. The Exodus played a crucial role in shaping the identity of the Israelites. Examine this in light of its key events.

3. The Decalogue acts as scaffolding upon which a comprehensive framework of obligations, virtues, and sins concerning the moral life of Christians is built. By referring to the Ten Commandments, elaborate on this.

4. The Synoptic Gospels emphasize Jesus' suffering and abandonment in His death, while the Gospel of John presents the crucifixion as a moment of glorification and divine fulfilment. Discuss.

SECTION B: THE CREED

5. Discuss the significance of Tradition and its relationship with Scripture, including its transmission through Apostolic Succession, as well as its importance in safeguarding the Deposit of Faith.

6. "I believe in one God, the Father almighty, maker of heaven and earth, of all things visible and invisible… I believe in one Lord Jesus Christ, the Only Begotten Son of God, born of the Father before all ages… I believe in the Holy Spirit, the Lord, the giver of life, who proceeds from the Father and the Son, who with the Father and the Son is adored and glorified, who has spoken through the prophets" (Nicene Creed). Discuss.

7. The gifts of the Magi symbolize the different roles of Jesus as prophet, priest, and king. Elaborate on these **THREE** roles of Jesus.

8. "The death and resurrection of Jesus is the heart of our faith and the basis of our hope. Saint Paul states this succinctly by the use of four verbs: "I handed on to you as of first importance what I in turn had received, that Christ **died** for our sins in accordance with the Scriptures, and that he **was buried**, and that he **was raised** on the third day in accordance with the Scriptures, and that he **appeared** to Cephas and then to the twelve" (*1 Cor* 15:3-5)" (Pope Francis). Elaborate on these **FOUR** verbs identified by St Paul.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2025

SUĠĠETT:	**It-Tagħlim Reliġjuż**
KARTA NUMRU:	I
DATA:	29 ta' Awwissu 2025
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m.

L-ISKRITTURA U L-KREDU

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

TAQSIMA A: IL-BIBBJA

1. It-Testment il-Qadim u l-Ġdid, ġew imnebbħa mill-Ispirtu s-Santu u miktuba tul is-sekli. Dawn jippreżentaw diversi taqsimiet u ġeneri letterarji. Aktar minn hekk, permezz tad-dixxerniment, il-kanoni tal-Bibbja ġie stabbilit. Iddiskuti.

2. L-Eżodu kellu rwol kruċjali fit-tiswir tal-identità tal-poplu ta' Iżrael. Spjega dan fid-dawl tal-ġrajjiet ewlenin tal-Eżodu.

3. Id-Dekalogu jservi ta' struttura li fuqu jinbena l-qafas ta' obbligi, virtujiet, u dnubiet li jikkonċernaw il-ħajja morali tal-Insara. Elabora fuq dan billi tirreferi għall-Għaxar Kmandamenti.

4. L-Evanġelji Sinottiċi jenfasizzaw it-tbatija u l-abbandun ta' Ġesù fil-mewt Tiegħu, mentri l-Evanġelju skont San Ġwann jippreżenta s-salib bħala mument ta' glorifikazzjoni u twettiq divin. Iddiskuti.

TAQSIMA B: IL-KREDU

5. Iddiskuti s-sinifikat tat-Tradizzjoni u r-rabta tagħha mal-Iskrittura u t-trażmissjoni tagħha permezz tas-Suċċessjoni Appostolika, kif ukoll l-importanza tagħha fil-preservazzjoni tad-Depożitu tal-Fidi.

6. "Jiena nemmen f'Alla wieħed, Il-Missier li jista' kollox, li ħalaq is-sema u l-art, Dak kollu li jidher u dak li ma jidhirx… U f'Mulej wieħed Ġesu' Kristu, Iben waħdieni ta' Alla, Imnissel mill-Missier qabel kull żmien… u fl-Ispirtu s-Santu, Mulej li jagħti l-ħajja; li ġej mill-Missier u mill-Iben; li hu meqjum u mweġġaħ flimkien mal-Missier u mal-Iben; Hu li tkellem b'fomm il-profeti" (Il-Kredu ta' Niċea). Iddiskuti.

7. Ir-rigali tal-Maġi jissimbolizzaw l-irwoli differenti ta' Ġesù bħala profeta, qassis, u sultan. Elabora fuq dawn it-**TLIET** irwoli ta' Ġesù.

8. "Il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù huma l-bażi tal-fidi tagħna u tat-tama tagħna. San Pawl jiddikjara dan b'mod konċiż bl-użu ta' erba' verbi: "Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu **miet** minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura; **difnuh** u **qam** mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura. U **deher** lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax." (1 *Kor* 15:3-5)" (Papa Franġisku). Elabora fuq dawn l-**ERBA'** verbi msemmija minn San Pawl.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

L-Università ta' Malta

MATRICULATION AND SECONDARY EDUCATION CERTIFICATE
EXAMINATIONS BOARD

ADVANCED MATRICULATION LEVEL
2025 SECOND SESSION

SUBJECT:	**Religious Knowledge**
PAPER NUMBER:	II
DATE:	1st September 2025
TIME:	9:00 a.m. to 12:05 p.m.

LITURGY AND CHRISTIAN MORALITY

Answer **THREE** questions: **ONE** from **each** section and a **THIRD** from any section.
All questions carry equal marks.

SECTION A: LITURGY AND THE SACRAMENTS

1. What is the meaning of the Christian liturgy and how does it function as a transformative act of worship? Discuss.

2. How do the sacraments shape and sustain Christian life? Discuss using specific examples.

3. What is the significance of symbolism in the sacraments, and how does it contribute to their meaning and efficacy according to Catholic teaching? Discuss with reference to specific examples.

4. Discuss the theological and pastoral significance of the Sacraments of Confession and Anointing of the Sick in the life of the Church.

SECTION B: CHRISTIAN MORALITY

5. Explain how moral teaching defines the relationship between living a virtuous life and attaining the ultimate good, which is union with God. How can this understanding shape the choices we make in daily life? Discuss with references to specific Church documents.

6. Examine the Catholic understanding of marriage as a sacrament and its role within family life. How does the sacramental nature of marriage shape the Church's teaching on the dignity of family life, the upbringing of children, and the responsibilities of spouses?

7. Discuss the Catholic understanding of environmental justice and its connection to the Church's teaching on care for creation and the dignity of the human person. Explain how the concept of stewardship, as outlined in key Church documents, guides the faithful in addressing modern ecological challenges.

8. With reference to various Church documents, analyze the role of the Church in public life, focusing on its mission to promote the common good, defend human dignity, and engage in social and political matters. Explain how the Catholic Social Teaching guides the Church's engagement with modern societal challenges.

© The MATSEC Examinations Board reserves all rights on the examination questions in all examination papers set by the said Board.

L-Università ta' Malta

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U
TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

LIVELL AVVANZAT TAL-MATRIKOLA
IT-TIENI SESSJONI 2025

SUĠĠETT:	**It-Tagħlim Reliġjuż**
KARTA NUMRU:	II
DATA:	1 ta' Settembru 2025
ĦIN:	mid-9:00 a.m. sa-12:05 p.m.

IL-LITURĠIJA U L-MORALITÀ NISRANIJA

Wieġeb **TLIET** mistoqsijiet: **WAĦDA** minn **kull** taqsima u t-**TIELET** waħda minn liema taqsima li trid. Il-mistoqsijiet kollha għandhom l-istess marki.

TAQSIMA A: IL-LITURĠIJA U S-SAGRAMENTI

1. Xi tfisser il-liturġija Nisranija u kif tiffunzjona bħala att trasformattiv ta' qima? Iddiskuti.

2. Is-sagramenti kif isawru u jsostnu l-ħajja Nisranija? Iddiskuti billi tuża eżempji speċifiċi.

3. X'inhu s-sinifikat tas-simboliżmu fis-sagramenti, u kif jikkontribwixxi fit-tifsira u l-effikaċja tagħhom skont it-tagħlim Nisrani? Iddiskuti b'użu ta' eżempji speċifiċi.

4. Iddiskuti s-sinifikat teoloġiku u pastorali tas-Sagramenti tal-Qrar u l-Griżma tal-Morda fil-ħajja tal-Knisja.

TAQSIMA B: IL-MORALITÀ NISRANIJA

5. Spjega kif it-tagħlim morali jiddefinixxi r-relazzjoni bejn ħajja ta' virtù u l-kisba tal-ġid aħħari, li hu l-għaqda ma' Alla. Dan it-tagħlim kif jista' jsawwar l-għażliet li nagħmlu fil-ħajja ta' kuljum? Iddiskuti b'referenzi għal dokumenti speċifiċi tal-Knisja.

6. Spjega t-tagħlim Nisrani taż-żwieġ bħala sagrament u l-irwol tiegħu fil-ħajja familjari. In-natura sagramentali taż-żwieġ kif tinfluwenza t-tagħlim tal-Knisja dwar id-dinjità tal-ħajja tal-familja, it-trobbija tat-tfal, u r-responsabbiltajiet tal-miżżewġin?

7. Iddiskuti t-tagħlim Nisrani dwar il-ġustizzja ambjentali u r-rabta tagħha mat-tagħlim tal-Knisja dwar il-kura tal-ħolqien u d-dinjità tal-persuna umana. Spjega kif il-kunċett tal-amministrazzjoni tal-ħolqien, imfisser fid-dokumenti ewlenin tal-Knisja, jiggwida lill-fidili biex jindirizzaw l-isfidi ekoloġiċi tal-lum.

8. B'referenza għal diversi dokumenti tal-Knisja, analizza l-irwol tal-Knisja fil-ħajja pubblika, billi tiffoka fuq il-missjoni tagħha li tippromwovi l-ġid komuni, tiddefendi d-dinjità tal-bniedem, u tinvolvi ruħha fi kwistjonijiet soċjali u politiċi. Spjega kif it-Tagħlim Soċjali tal-Knisja jiggwida l-impenn tal-Knisja fl-isfidi ta' soċjetà moderna.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.